MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Numru 964/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**John Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Micallef ta' 41 sena, bin Carmelo u Gemma nee` Zahra, imwieled Tarxien fit-13 ta' Awissu 1963 u li joqghod fl-indirizz "Peace Flats", Nru 2, Triq is-Sajjieda, Zurrieq u li ghandu karta ta' l-identita` bin-numru 413263(M) gie akkuzat talli fil-15 ta' Marzu 2004 u fil-granet precidenti fil-Gudja,

b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar Lm350 bi hsara ta' Carmel Mangion.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi, bi hsara ta' Carmel Mangion, ghamel xi qliegh b'qerq.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta' madwar Lm350, flus ta' haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati filwaqt li kien ufficcjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat iehor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JC 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-seduta tal-lum, l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 141 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat John Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat John Micallef ghall-piena komplessiva ta’ tmintax-il xahar (18) prigunerija u tordna li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum l-imputat John Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------